MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2005

Numru 11/2004

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Denis Pandolfino**
**Anthony Pandolfino**

**Il-Qorti,**

Rat l-Att ta' l-Akkuza numru 11 tas-sena 2004, kontra l-akkuzati Denis Pandolfino u Anthony Pandolfino, li bih huma gew akkuzati talli :

1) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi Denis Pandolfino fis-sena elfejn u tnejn (2002) u fis-snin ta' qabel go Tas-Sliema, Pembroke u San Giljan, kien jilqa' ghandu diversi tfal u ghal xi zmien jiehu hsieb il-minuri Andreas Skotadis li twieled fid-19 ta' April, 1991 u lil Rolando Skotadis li twieled fl-10 ta' Gunju, 1992, peress illi dawn gew fdati lilu minn ommhom minhabba c-cirkostanzi personali taghha. Illi Denis Pandolfino

iddecieda li jibda' jkollu kongungiment karnali mal-imsemmija tfal minuri kontra l-volonta' taghhom.

Illi in ezekuzzjoni tar-risoluzzjoni tieghu, bi vjolenza kellu kongungiment karnali ma' l-istess minuri kontra l-volonta' taghhom billi dahhal il-parti privata tieghu fil-parti privata taghhom. Bl-istess risoluzzjoni dan gie repetut diversi drabi.

Illi b'eghmilu l-imsemmi Denis Pandolfino sar hati talli bi vjolenza kkommetta stupru fuq persuna tas-sess il-wiehed jew l-iehor b'dan li r-reat sar b'diversi atti, maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi izda li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Denis Pandolfino hati talli bil-vjolenza kkommetta stupru fuq persuna tas-sess il-wiehed jew l-iehor u b'dan li r-reat sar b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti w li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi w gew maghmula b'risoluzzjoni wahda;
Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija minn tliet snin sa ghoxrin sena skond l-artikoli 198, 201 (a), 18, u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

2) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi fiz-zmien u taht ic-cirkustanzi indikati fl-ewwel Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza w cioe' fis-sena elfejn u tnejn (2002) u fis-snin ta' qabel Denis Pandolfino, f'tas-Sliema, Pembroke u San Giljan, kellu kongungiment karnali mal-minuri Andreas u Rolando Skotadis. Illi inoltre hu kien joqghod imissilhom l-partijiet privati taghhom, jurihom films pornografici w jaghmel agir iehor indecenti fil-presenza taghhom. Illi hu kien inkarigat minn omm l-istess tfal li jiehu hsiebhom u dan stante ic-cirkostanzi personali ta' l-istess omm u b'abbuz sfacciat tad-dmirijiet tieghu repetutament.

Illi b'eghmilu l-imsemmi Denis Pandolfino sar hati talli b'eghmil zieni kkorrompa persuna ta' taht l-eta' tas-sess il-wiehed jew l-iehor b'dan li d-delitt sar minn Denis

Pandolfino imqar jekk l-minuri gew fdati lilu ghal xi zmien sabiex jiehu hsiebhom, jedukhom, jghallimhom, jindukrahom jew izommhom, bi hsara ta' persuna li ma ghalqitx l-eta' ta' tnax il-sena w b'dan ukoll li r-reat sar b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti w li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi w gew maghmula b'risoluzzjoni wahda.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Denis Pandolfino hati talli b'eghmil zieni kkorrompa persuna ta' taht l-eta' tas-sess il-wiehed jew l-iehor b'dan li d-delitt sar minn Denis Pandolfino mqar jekk il-minuri gew fdati lilu ghal xi zmien sabiex jiehu hsiebhom, jedukhom, jghallimhom, jindukrahom jew izzommhom, bi hsara ta' persuna li ma ghalqitx l-eta' ta' tnax-il sena u b'dan ukoll li r-reat sar b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti w li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi w gew maghmula b'risoluzzjoni wahda;
Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannt ghall-piena ta' prigunerija minn sentejn sa tnax-il sena skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 203 (1) proviso (c), 18 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

3) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi fiz-zmien u taht ic-cirkustanzi indikati fil-Kapi tal-Att tal-Akkuza precedenti w cioe' fis-sena elfejn u tnejn (2002) u fis-snin ta' qabel Denis Pandolfino, tas-Sliema, Pembroke u San Giljan ghamel stupru u korruzzjoni ta' minuri. Illi inoltre biex lahaq l-iskop tieghu hu zamm lil Andreas u Rolando Skotadis milli johorgu mill-post li kienu ikunu billi qafilhom gewwa, mmobilizzhom u ssekwestrahom.

Illi b'eghmilu l-imsemmi Denis Pandolfino sar hati ta' arrest, detenzjoni jew sekwestru kontra ligi aggravat u cioe' talli bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti w barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra persnua kontra l-volonta' taghha jew ta l-post biex fih dina l-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata, b'dan

illi d-delitt sar bhala mezz biex persuna tigi mgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill-imsemmi Denis Pandolfino ta' arrest, detenzjoni jew sekwestru kontra l-ligi aggravat u cioe' talli, bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti u barra milli kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew ssekwestra persuna kontra l-volonta' taghha, jew ta il-post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata, b'dan illi d-delitt sar bhala mezz biex persuna tigi mgieghla taghmel xi haga jew toghqod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha;

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija minn tlettax-il xahar sa tlett snin skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 86, 87 (g) u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

4) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fir-Raba' Kap illi Anthony Pandolfino fis-sena elfejn u tnejn (2002) u fis-snin ta' qabel go Tas-Sliema, Pembroke u San Giljan kien jilqa' ghandu diversi tfal u ghal xi zmien jiehu hsieb il-minuri Andreas Skotadis li twieled fid-19 ta' April, 1991 u lil Rolando Skotadis li twieled fl-10 ta' Gunju, 1992, peress illi dawn gew fdati lilu minn ommhom minhabba c-cirkostanzi personali taghha. Illi Anthony Pandolfino ddecieda li jibda' jkollu kongungiment karnali ma l-imsemmija tfal minuri, partikolarment Andreas Skotadis, kontra l-volonta' taghhom.

Illi in ezekuzzjoni tar-risoluzzjoni tieghu, bi vjolenza kellu kongungiment karnali ma' l-istess minuri, partikolarment Andreas Skotadis, kontra l-volonta' taghhom billi dahhal il-parti privata tieghu fil-parti privata taghhom. Bl-istess risoluzzjoni dan gie repetut diversi drabi.

Illi b'eghmilu l-imsemmi Anthony Pandolfino sar hati talli bi vjolenza kkommetta stupru fuq persuna tas-sess il-wiehed

jew l-iehor b'dan li r-reat sar b’diversi atti, maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi izda li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lil-imsemmi Anthony Pandolfino hati talli bi vjolenza kkommetta stupru fuq persuna tas-sess il-wiehed jew l-iehor u b'dan li r-reat sar b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi w gew maghmula b'risoluzzjoni wahda;

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija minn tliet snin sa ghoxrin sena skond l-artikoli 198, 201 (a), 18, u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista’ skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

5) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fil-Hames Kap illi fiz-zmien u taht ic-cirkustanzi indikati fir-raba Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza w cioe' fis-sena elfejn u tnejn (2002) u fis-snin ta' qabel Anthony Pandolfino, f’tas-Sliema, Pembroke u San Giljan kellu kongungiment karnali mal-minuri Andreas Skotadis u tfal ohra. Illi in oltre hu kien joqghod imissilhom l-partijiet privati taghhom, jurihom films pornografici w jaghmel agir iehor indecenti fil-presenza taghhom. Illi hu kien inkarigat minn omm l-istess tfal li jiehu hsiebhom u dan stante ic-cirkostanzi personali ta' l-istess omm u b'abbuz sfacciat tad-dmirijiet tieghu repetutament.

Illi b'eghmilu l-imsemmi Anthony Pandolfino sar hati talli b'eghmil zieni kkorrompa persuna ta' taht l-eta' tas-sess il-wiehed jew l-iehor b'dan li d-delitt sar minn Anthony Pandolfino imqar jekk l-minuri gew fdati lilu ghal xi zmien biex jiehu hsiebhom, jedukhom, jghallimhom, jindukrahom jew izommhom, bi hsara ta' persuna li ma ghalqitx l-eta' ta' tnax il-sena u b'dan ukoll li r-reat sar b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti w li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi w gew maghmula b'risoluzzjoni wahda.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Anthony Pandolfino hati talli b'eghmil zieni kkorrompa persuna ta' taht l-eta' tas-sess il-wiehed jew l-iehor b'dan li d-delitt sar minn Anthony Pandolfino imqar jekk il-minuri gew fdati lilu ghal xi zmien sabiex jiehu hsiebhom, jedukahom, jghallimhom, jindukrahom jew izzommhom, bi hsara ta' persuna li ma ghalqitx l-eta' ta' tnax il-sena u b'dan ukoll li r-reat sar b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi w gew maghmula b'risoluzzjoni wahda;

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannt ghall-piena ta' prigunerija minn sentejn sa tnax-il sena skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 203 (1) proviso (c),18 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

6) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fis-Sitt Kap illi fiz-zmien u taht ic-cirkustanzi indikati fil-Kapi tal-Akkuza precedenti w cioe' fis-sena elfejn u tnejn (2002) u fis-snin ta' qabel Anthony Pandolfino, tas-Sliema, Pembroke u San Giljan ghamel stupru u korruzzjoni ta' minuri. Illi inoltre biex lahaq l-iskop tieghu hu zamm lil Andreas Skotadis u ohrajn milli johorgu mill-post li kienu ikunu billi qafilhom gewwa, mmobilizzhom u ssekwestrahom.

Illi b'eghmilu l-imsemmi Anthony Pandolfino sar hati ta' arrest detenzjoni jew sekwestru kontra ligi aggravat u cioe' talli bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra persnua kontra l-volonta' taghha jew ta l-post biex fih dina l-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata, b'dan illi d-delitt sar bhala mezz biex persuna tigi mgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Anthony Pandolfino ta' arrest, detenzjoni jew sekwestru kontra l-ligi aggravat u cioe' talli,

bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti w barra milli kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra persuna kontra l-volonta' taghha jew ta l-post biex fih din l-persuna tigi arrestata, mizmuma jew ssekwestrata b'dan illi d-delitt sar bhala mezz biex persuna tigi mgieghla taghmel xi haga jew toghqod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha;

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija minn tlettax-il xahar sa tlett snin skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 86, 87 (g) u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

7) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fis-Seba’ Kap illi taht ic-cirkostanzi indikati fil-Kapi precedenti ta’ dan l-Att ta’ Akkuza w partkolarmenti fid-disa' u ghoxrin (29) ta' Novembru ta' l-elfejn u tnejn (2002) u fix-xhur ta' qabel, f'Malta Dennis Pandolfino u Anthony Pandolfino, li huma cittadini Maltin u residenti permanenti Malta, gibdu illegalment diversi ritratti w films, inkluz fuq compjuter, indecenti tal-minuri Andreas Skotadis u Rolando Skotadis u tfal taht l-eta' ohra. Illi fost dawn ir-ritratti kien hemm pozi ta' tfal gharwenin u f'qaghda estremament indicenti.

Illi b'eghmilhom l-imsemmija Dennis Pandolfino u Anthony Pandolfino saru hatja talli bhala cittadini jew residenti permanenti ta' Malta, sew jekk f'Malta jew barra minn Malta, kif ukoll kull persuna f'Malta, gibdu jew ippermettew li jingibdu xi ritratti, films, video recording jew xbieha elettronika indicenti ta' persuna ta' taht l-eta, jew iqassmu jew juru ritratti, films, video recording jew xbieha elettronika indicenti bhal dawn, jew kellhom fil-pussess taghhom, ritratti, films, video recordings jew xbieha elettronika indicenti bhal dawn.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmija Dennis Pandolfino w Anthony Pandolfino hatja li gibdu jew ippermettew li jingibdu xi ritratti, films, video recording jew xhieha elettronika

indecenti ta' persuni ta' taht l-eta' jew qassmu jew urew ritratti, films, video recording jew xbieha elettronika indecenti bhal dawn, jew kollhom fil-pussess taghhom ritratti, films, video recording jew xhieha elettronika indecenti bhal dawn;

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzati u illi huma jigu ikkundanati ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn sitt xhur jew multa ta' mhux izjed minn mitejn (LM 200) lira jew prigunerija w multa flimkien skond l-artikolu 208 A (1) tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-Ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmija akkuzati.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ta' Anthony Pandolfino tat-30 ta' Gunju, 2004 li bih eccepixxa :

1. illi fil-parti akkuzatorja tar-raba Kap imkien m'hemm imsemmi dak specifikat fl-Artikolu 201(a) tal-Kap. 9;
2. illi x-xhieda tal-minuri esebita fl-atti tal-kumpilazzjoni hija inammissibbli stante illi ma ttiehditx skond kif provdut fl-Artikoli 75 *et sequitur* tal-Kap. 164;
3. illi fir-raba' w il-hames Kap qed tintalab piena li tmur oltre dik il-piena li l-eccipjent kien originarjament sugget ghaliha qabel ma ezercita l-ghazla lilu moghtija fit-termini tal-artikolu 370(3)(d) tal-Kap. 9;

In effetti bin-nota tar-rinviju a folio 833 tal-atti tal-Istruttorja l-Avukat Generali deherlu li setghet tinstab htija ta' reati li, bhala piena, jaqghu fil-kompetenza estiza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali skond kif provdut 370(3) tal-Kap. 9 u dan kif stipulat fl-Artikolu 433(5). Dan minkejja fl-imsemmija kapi qed tintalab piena oghla w ghalhekk jehtieg li ssir korrezzjoni opportuna peress illi dana kollu jmur kontra l-principju illi ebda haga ma tista tizdied f'att t'akkuza li tista' taghmel izjed gravi r-reat.

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet ta’ Dennis Pandolfino tat-30 ta’ Gunju, 2004 li biha eccepixxa :

1. illi l-Ewwel u t-Tieni Kap ta’ l-Att ta’ l-Akkuza huma nulli w/jew zbaljati in kwantu jistabbilixxu piena kwantu ghall-Ewwel Kap minn tlieta (3) sa’ ghoxrin (20) sena, w kwantu t-Tieni Kap minn sentejn (2) sa’ tnax (12) il- sena, w dan qed jinghad ghas-segwenti ragunijiet;
1.1 fin-nota ta’ rinviju ta’ l-Avukat Generali tat-3 ta’ Dicembru, 2003, li tinsab a fol. 833 tal-process, l-Avukat Generali kien irrinvija l-atti tal-process quddiem il-Qorti Istruttorja fejn indika espressament illi mill-atti tal-Kumpilazzjoni, l-Qorti kellha ssib htija kwantu dak li hu llum l-Ewwel Kap ta’ l-Att ta’ l-Akkuza, skond l-Artikolu 198 tal-Kodici Kriminali, w kwantu dak li hu llum it-Tieni Kap ta’ l-Att ta’ l-Akkuza l-Artikolu 203 (1)(c). skond l-Artikolu 198, il-piena stabbilita ghad-delitt ta’ stupru vjolent, hi ta’ tlieta (3) sa’ disa’ (9) snin. Fil-waqt li l-piena ghall-korruzzjoni ta’ tfal ta’ taht l-eta’ bic-cirkostanza aggravanti msemmija taht is-sub-artikolu (c), hija minn sentejn (2) sa’ sitt (6) snin. Di piu’, hu fatt risput illi b’tali att ta’ rinviju l-istess Avukat Generali, ghamel l-ghazla tieghu w jindika li l-piena massima f’kull eventwalita’ w tenut kollox, ma kellhiex teccedi l-ghaxar (10) snin prigunerija;
1.2 Il-fatt li l-akkuzat ghazel li jigi gudikat minn Qorti, flok ohra, ma jfisser bl-ebda mod li dak li kien diga’ ddikjara l-Avukat Generali rigward fejn iwasslu l-provi bhala akkuzi w pieni relattivi, jista’ b’xi mod jinbidel. Bir-rispett din hi l-posizzjoni legali, peress illi kieku dan mhux hekk, akkuzat ikun qed ibati pregudizzju serju minhabba ghazla li ttih il-Ligi;
1.3 Illi f’gheluq l-Istruttorja, l-Avukat Generali ried jaghmel ghazla, w cioe’, jekk jirrinvijax dan il-kaz quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali. Din id-diskrezzjoni ta’ l-Avukat Generali dejjem giet ritenuta bhala poter kwazi gudizzjarju. Din id-decizzjoni ttiehdet bin-nota ta’ rinviju ndikata w l-effett taghha, vis-a-vis l-Avukat Generali, hu rriversibbli;
1.4 Minhabba din l-ghazla, l-Avukat Generali ma jistax jirrendi izjed gravi d-delitti. Il-fatt li hu qed jitlob pieni ta’ prigunerija ndikati fil-kapi relattivi ta’ dan l-Att ta’ l-Akkuza, jirrendi l-istess nulli. F’kull kaz, u minghajr

pregudizzju ghal dan, jekk il-kapi jigu dikjarati zbaljati, l-pieni korretti ghandhom jigu mnizzla w indikati skond l-Artikolu 589 (d) tal-Kodici Kriminali;

2. minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, l-Ewwel Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza fil-parti espositiva tieghu, ma jindika l-ebda cirkostanza aggravanti li tista' b'xi mod tiggustifika l-pieni ndikati. Tali mankanza ma tista' qatt tigi sanata w kwindi kwantu ghal piena ndikata, kif marbuta mal-fatti fil-parti espositorja, dan il-kap hu null u bla effett fil-Ligi. L-Artikolu 589 (d) jindika li l-Att ta' l-Akkuza ghandu jistipula li "akkuzat jigi kkundannat ghall-piena stabbilita mill-Ligi" "hawn jinghad l-Artikolu tal-Ligi li jikkontempla r-reat …….". Riferenza ghandha ssir ghall-Artikolu 597 (1) fejn ebda haga m'ghandha tizdied fl-att ta' l-akkuza li tkun tista' taghmel izjed gravi r-reat.

3. Illi l-akkuzat jeccepixxi li kwantu ghal kull kap ta' l-Att ta' l-Akkuza, ebda korrezzjoni m'ghandha tizdied fl-istess li tkun tista' taghmel izjed gravi r-reat hemmhekk imsemmija.

4. Illi l-provi migbura fl-Istruttorja huma nuli w bla effet fil-Ligi w ghandhom jigu dikjarati inammissibbli.

Rat il-verbal registrat fl-udjenza tal-24 ta' Jannar, 2005 li bih il-Prosekuzzjoni, b' riferenza ghall-ewwel u r-raba kapi tal-Att ta' l-Akkuza, talbet korrezzjoni fis-sens li fejn hemm riferenza ghall-artikolu 201 (a) dan ghandu jitnehha, u billi l-kelma "ghoxrin" fl-istess kapi tigi sostitwita bil-kelma "ghaxra" u li fit-tieni w l-hames kapi tal-Att ta' l-Akkuza minnflok il-kelma "tnax" tidhol il-kelma "ghaxra".

Rat illi d-difiza taz-zewg akkuzati rrimettiet ruha ghal dawn it-talbiet.

Rat id-Digrieti taghha tal-istess data li bihom laqghet l-imsemmija talbiet u ordnat il-korrezzjonijiet imsemmija.

Rat il-verbal li bih Dr. Joseph Giglio ghall-akkuzat Anthony Pandolfino rtira l-ewwel eccezzjoni tieghu w llimita t-tielet eccezzjoni tieghu ghat-talba ghall-applikazzjoni tal-artikolu 533 kontra l-akkuzat billi ma kienetx fin-Nota ta' l-Avukat Generali.

Rat is-sottomissjoni ta' Dr. Giglio li biha fil-waqt li ddikjara li jidher li l-Avukat Generali ghandu ragun li l-materja tal-procedura tal-video conferencing kienet koperta bl-artikolu 90(1) tal-Kap.164 u mhux kif kienet ipprospettat id-difiza bl-artikolu 75 u, ghalkemm ma hemmx il-htiega li jsiru regolamenti kif mahsub fis-subartikolu (2) tal-artikolu 90, dan is-subartikolu xorta jippredisponi li din il-procedura ghandha tigi regolarizzata w ghalhekk insista ghal sentenza fuq it-tieni eccezzjoni ta' Anthony Pandolfino.

Rat il-verbal ta' Dottoressa Giannella Caruana Curran ghall-akkuzat Dennis Pandolfinio li biha rtirat l-ewwel eccezzjoni ghar-rigward tal-piena, pero' zammitha ferma ghar-rigward ta' l-artikolu 533 kif ukoll li bih irtirat it-tieni eccezzjoni tal-istess akkuzat u llimitat it-tielet eccezzjoni biss ghat-talba tal-prosekuzzjoni ghall-applikazzjoni tal-art. 533 billi l-artikolu ma ntalabx fin-nota tal-Avukat Generali.

Rat il-verbal li bih id-difensuri ddikjaraw li r-raba eccezzjoni ta' Dennis Pandolfino w t-tieni eccezzjoni ta' Anthony Pandolfino kienu qed jigu limitati ghax-xiehda ta' Ronaldo u Andreas Skotadis;

Semghet it-trattazzjoni dwar l-ewwel u t-tielet eccezzjoni ta' Dennis Pandolfino w t-tielet eccezzjoni ta' Anthony Pandolfino kif limitati u t-trattazzjoni dwar ir-raba eccezzjoni ta' Dennis Pandolfino u t-tieni eccezzjoni ta' Anthony Pandolfino.

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum ;

Ikkonsidrat ;

Illi dwar l-ewwel u t-tielet eccezzjoni ta’ Dennis Pandolfino u t-tielet eccezzjoni ta’ Anthony Pandolfino, dawn gew ceduti kif impostati u gew *limitati* ghat-talba tal-Prosekuzzjoni skond l-artikolu 533 tal-Kap.9 , cioe’ dik biex l-akkuzati, f’ kaz ta’ dikjarazzjoni ta’ htija, jigu akkollati bl-ispejjez peritali nkorsi fil-process. Id-difiza taz-zewg akkuzati tissotometti li peress li fin-Nota tal-Avukat Generali tat-3 ta’ Dicembru, 2003, (fol.833 tal-process) ma hemmx riferenza ghall-imsemmi artikolu, meta l-akkuzati ghazlu li jigu gudikati minn din il-Qorti w l-Avukat Generali gie allura biex johrog l-Att ta’ l-Akkuza, ma setax ukoll jinkludi t-talba ghall-applikazzjoni ta’ dan l-artikolu. Da parti tieghu l-abbli prosekutur issottometta li t-talba skond l-artikolu 533 ma hix parti mill-piena u fir-rinviju tal-Avukat Generali jigu citati biss l-artikoli tal-ligi li jindikaw l-akkuza biss u mhux necessarju li ssir it-talba taht l-artikolu 533. Konsegwentement seta’ fl-istadju tal-hrug ta’ l-Att ta’ l-Akkuza jaghmel dit-talba.

Ikkonsidrat ;

Illi bhala fatt hu minnu li fin-Nota tal-Avukat Generali fuq imsemmija ma hemmx riferenza ghall-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali mentri fl-Att ta’ l-Akkuza din it-talba tiffigura fl-ewwel sitt kapi u ma saritx biss fis-seba’ kap. Illi pero’ mill-ezami akkurat tal-eccezzjonijiet relattivi taz-zewg akkuzati jidher li mkien ma saret oggezzjoni ghat-talba ghall-applikazzjoni tal-artikolu 533 fl-ewwel sitt kapi tal-att ta’ l-akkuza imma dawn l-eccezzjonijiet kienu ffokati biss fuq il-piena karcerarja li setghet tinghata u xejn aktar. Kieku riedu l-akkuzati setghu fin-noti tal-eccezzjonijiet preliminari taghhom estendew l-oggezzjoni taghhom ukoll ghal din it-talba imma dan ma ghamluhx. Illi anki n-nota tal-akkuzat Anthony Pandolfino meta qed tittratta it-tielet eccezzjoni imkien ma ssemmi l-kwistjoni tat-talba ghall-applikazzjoni tal-art. 533. Kien biss wara li l-prosekuzzjoni talbet il-korrezzjonijiet fuq imsemmija fejn irriduciet il-piena karcerarja mitluba li l-ewwel Dr. Caruana Curran ghall-akkuzat Dennis Pandolfinu w warajha Dr. Giglio ghall-akkuzat Anthony Pandolfino - meta raw li bil-korrezzjonijiet mitluba w milqugha ma kienx ghad hemm bazi ghall-eccezzjonijiet taghhom - dawwru din l-

eccezzjoni biex testendi ukoll ghat-talba ghall-applikazzjoni tal-artikolu 533 u llimitaw dawn l-eccezzjonijiet biss ghal din it-talba.

Fil-fehma ta' din il-Qorti l-akkuzati ma jistghux issa jalteraw it-termini w l-iskop tal-eccezzjoni taghhom billi, wara li saru l-korrezzjonijiet opportuni mill-Prosekuzzjoni kif fuq intqal biex b' hekk tnehha ghal kollox l-iskop ta' kull vertenza dwar il-piena mitluba fid-diversi kapi tal-att ta' l-akkuza w wara li l-akkuzati rtiraw l-eccezzjonijiet preliminari fir-rigward tal-pieni, issa taht il-pretest li qed *jillimitaw* l-eccezzjoni taghhom, jintavolaw, *"as an afterthought*", eccezzjoni ghal kollox differenti minn dik li jkunu taw. Jekk isir dan ikun qed jigi estiz it-terminu mpost mill-artikolu 438(2) tal-Kap.9 li l-akkuzati ghandhom biex jintavolaw eccezzjonijiet preliminari billi jigu intavolati eccezzjonijiet ta' indoli gdida. Dan pero' mhux possibbli li jsir.

Din il-Qorti lanqas ma tara li din l-oggezzjoni ghat-talba tal-applikazzjoni tal-artikolu 533 setghet kienet implicita jew kompriza fl-eccezzjonijiet taht konsiderazzjoni .

Inoltre, u biss ghall-grazzja tal-argument, ghalkemm l-Avukat Generali fin-Nota tieghu fuq imsemmija ma kienx ghamel din it-talba, kieku l-kaz baqa' jinstema' w kien ser jigi deciz mill-Qorti tal-Magistrati, ma kien hemm xejn xi zzomm lill-ufficjal prosekutur li jintavola talba simili quddiem dik il-Qorti f' kull stadju tal-proceduri qabel is-sentenza ghaliex l-artikolu 533 ma jghidx f' liema stadju trid issir din it-talba ghal kundanna ghall-hlas tal-ispejjez. Bl-istess mod din il-Qorti tifhem li tali talba setghet anki saret fil-kors tal-guri nnifsu jew fis-smiegh tal-kawza biss mill-Imhallef togat quddiem din il-Qorti . Ergo setghet ukoll tintalab fl-Att ta' l-Akkuza ghax din ma kienetx qed izzid xi reat iehor jew reat aktar gravi jew tintalab piena oghola ma dawk indikati fl-artikoli inkluzi fin-Nota ta' l-Avukat Generali.

Ghalhekk il-Qorti mhux qed tikkonsidra li r-rizerva maghmula mid-difiza taz-zewg akkuzati ghal xi oggezzjoni dwar l-applikazzjoni tal-art. 533 tista' tirrientra taht l-

eccezzjonijiet kif intavolati w ladarba dawn ma jistghux jigu estizi jew addirittura sostitwiti f' dan l-istadju, qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghhom stante li kif gew kontemplati w redatti issa jinsabu rtirati w ceduti.

Ikkonsidrat ;

Illi r-raba eccezzjoni tal-akkuzat Dennis Pandolfino u t-tieni eccezzjoni tal-akkuzat Anthony Pandolfino jirrigwardaw il-validita' tal-procedura tal-*video conferencing* jew ahjar trasmissjoni televiziva kontemporanja li ntuzat mill-Qorti Istruttorja meta nstemghet ix-xhieda tal-ahwa Andreas u Rolando Skotadis. Fin-nota tieghu tat-30 ta' Gunju, 2004, l-akkuzat Dennis Pandolfino ma elabora bl-ebda mod fuq hix kien qed jibbaza r-raba eccezzjoni tieghu. Invece l-akkuzat Anthony Pandolfino eccepixxa biss l-illegalita' tal-proceduri w invoka l-artikolu 75 et sequitur tal-Kap. 164. Umbaghad fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu tas-17 ta' Jannar, 2005, elabora aktar w invoka ukoll l-artikoli 76, 78 u 80 tal-istess Kap.164, biex isostni l- f' dal-kaz ma setghetx tintuza l-imsemmija procedura. Pero' kif issenjala l-prosekutur l-procedura segwita mill-Qorti Istruttorja kienet dik kontemplata fl-artikolu 90 (1) tal-Kap.164 u mhux dik kontemplata fl-artikoli citati mill-akkuzat. Id-difensur tal-akkuzat Anthony Pandolfino, Dr. Giglio lejalment irrikonoxxa li l-prosekutur kellu ragun f' din is-sottomissjoni , pero' peress li ma jidhirx li saru regolamenti mill-Ministru tal-Pulizija kif kontemplat fis-subartikolu (2) tal-art. 90, xorta insista ghal sentenza fuq din l-eccezzjoni. Umbaghad Dr. Giannella Caruana Curran ghall-akkuzat Dennis Pandolfino assocjat ruha ma' l-Avukat Giglio f' din is-sottomissjoni w attirat l-attenzjoni tal-Qorti ghall-verbali li saru mid-difiza w zammet ferma l-eccezzjoni dwar il-punt legali u kif tidher fil-verbali.

Issa bhala fatt jirrizulta li l-Qorti Istruttorja fl-udjenza tat-28 ta' Jannar, 2003 kienet ordnat li t-tfal Andreas u Rolando Skotadis jinstemghu permezz tal-*video conferencing*. Illi f' dik l-udjenza d-difensur tal-imputati Dr. Melvyn Mifsud, minkejja li rregistra sensiela interminabbli ta' oggezzjonijiet dwar il-mod kif kienu qed jigi kondott l-

ezami tax-xhud Andreas Skodatis, f' ebda hin ma oggezzjona ghall-addozzjoni ta' din il-procedura per se. Anzi ppartecipa fiha b'mod vociferu ripetutament fil-kors tal-ezami w anki sahansitra kkonduca l-kontroezami per mezz tal-istess *video conferencing*. (fol.194 et seq.) Fil-fatt , kif jidher mit-tapes tar-registrazzjoni li saret waqt l-istess ezami, l-metodu li ntuza kien li l-minuri Andreas Skodatis kien bilqeghda fis-sigrieta tal-Magistrat Dr. J. Padovani Grima bis-social worker ma gembu w bil-Magistrat quddiemu. Fil-kamra jidher li kien hemm prezenti id-Deputat Registratur tal-Awla, s-sinjorina Marisa Caruana u mpjegat tal-Qorti li deher qed jopera l-apparat awdio-viziv. Dak li kien qed isir gos-sigrieta kien qed jigi monitored mit-telecamera w kien vizibbli fl-awla tal-istess Magistrat fejn kienu jinsabu l-akkuzati, Dr. Mifsud u l-ufficjal prosekutur, li kienu qed jaraw kollox (ghalkemm kulltant ilmentaw li ma kienux qed jisimghu kollox, u f' dan il-kaz il-Magistrat irripetiet) u anki intervjenew biex jaghmlu oggezzjonijiet u domandi. Ix-xhieda hekk mehuda umbaghad tinsab traskritta (fol. 198 et seq.) .

Umbaghad kien biss fl-udjenza tat-13 ta' Frar, 2003, wara li l-Qorti ordnat illi ssir *video conferencing* ghall-minuri Rolando Skotadis, li Dr. Melvyn Mifsud ghall-akkuzati oggezzjona ghas-sistema ( tal-*video conferencing*) addottata mill-Qorti peress li l-artikolu 90(1) tal-Police Act ma jnehhix lill-imputati d-dritt li jkunu prezenti waqt il-procediment tal-kawza. Kompla joggezzjona ukoll ghal fatt illi huwa kien qed ikun prekluz milli hu bhala avukat tal-imputati jkun prezenti max-xhud u ghall-fatt li fl-udjenza ta' qabel ma thalliex jaghmel kontro-ezami dirett lix-xhud cioe' l-vuci tal-avukat tad-difiza ma kienetx trasmessa lix-xhud izda l-Qorti l-ewwel kienet qed tisma d-domandi tad-difiza b' ear phone, umbaghad kienet ghamlet id-domandi hi lix-xhud u f' xi okkazzjoni mhux dejjem kienet preciza fid-domandi l-Qorti.(fol. 292)

Saru mbaghad serje ta' verbali w sottomissjonijiet mill-Prosekuzzjoni w d-difiza dwar din l-oggezzjoni tad-difiza (fol. 293) u l-Qorti Istruttorja ghaddiet biex taghti digriet motivat fejn cahdet l-oggezzjonijiet tad-difiza w sahansitra

nvitat lid-difiza li fiz-zmien tar-rinviju li kien imiss jikkonsulta mall-akkuzati sabiex jghid definittivament lill-Qorti jekk kienx ser jitlobha taghmel riferenza Kostituzzjonali jew jekk l-akkuzati kienux sejrin jintavolaw huma kawza Kostituzzjonali (fol.294). Dak in-nhar pero' ma jirrizultax li kien xehed Rolando Skotadis.

Fis-seduta tas-27 ta' Mejju, 2003, meta effettivament gie biex jixhed Rolando Skotadis, kienu prezenti fis-sigrieta tal-Magistrat l-istess Magistrat, id-Deputat Registratur tal-Awla, l-minuri, s-social worker Frances Mazzitelli, il-machine operator ragel u impjegata tal-Qorti ta' sess femminili bl-isem ta' Rose. Jidher pero' mill-filmat li f' xi ambjent iehor tal-kamra, barra mill-kamp viziv tal-camera, kien hemm ukoll is-social worker Caroline Grech Bonnici ghax, kif beda l-break, din tfaccat minn gemb tal-kamra u mhux mill-bieb tal-awla. l-Avukati Mallia u Caruana Curran, li fil-frattemp kienu assumew il-patrocinju tal-akkuzat Dennis Pandolfino, wara xi tlitt kwarti li kien ilu jixhed il-minuri, pprotestaw ruhom ghal mod kif kienet qed issir u tittiehed ix-xiehda tal-minuri Rolando Skotadis fil-prezenza tas-social worker Frances Mazzitelli w ghall-prezenza tas-social worker Caroline Grech Bonnici. Dr. Giglio, li ukoll jidher li fil-frattemp kien assuma l-patrocinju tal-akkuzat Anthony Pandolfino, fil-waqt li assocja ruhu mall-verbal tal-avukati tal-akkuzat l-iehor, irregistra sensiela ta' oggezzjonijiet ohra dwar il-mod kif kienu qed isiru l-proceduri (fol.526, 527,528). Il-Qorti kienet l-ewwel laqghet talba tad-difiza biex dak li kien qed jigri fil-*break* fis-sigrieta (fejn kien ghad hemm il-minuri mas-social workers u xi membri tal-istaff tal-Magistrat) jigi registrat. Wara li fl-istess *break* fis-smiegh tax-xiehda tal-minuri, semghet lis-social worker Grech Bonnici bil-gurament dwar fejn kienet fl-ewwel parti tal-ezami tal-minuri Rolando Skotadis, ordnatilha, ghal kull buon fini, li tallontana ruha mis-sigrieta w kuridur ta' barra l-awla w dan wara li d-difiza oggezzjonat li Grech Bonnici tkun qeghda fil-kuridur tas-sigrieta bil-bieb maghluq. Il-Qorti kienet ukoll irrizervat li tipprovdi fuq oggezzjonijiet u punti ohra sollevati mid-difiza w ghaddiet biex tkompli tisma x-xhieda ta' Rolando Skodatis. Dix-xhieda tinsab traskritta a fols. 529 sa 549 u 560 sa 589. Pero', sa meta l-Avukat

Generali baghat in-Nota bl-artikoli lill-Qorti tal-Magistrati w l-akkuzati ddikjaraw li kienu qed isibu oggezzjoni li jigu gudikati minn dik il-Qorti, ma jidhirx li l-Qorti kienet ipprovdiet dwar l-oggezzjonijiet fuq imsemmija.

Ikkonsidrat;

Illi kif gja intqal, fin-nota tieghu tat-30 ta' Gunju, 2004, l-akkuzat Dennis Pandolfino bl-ebda mod ma elabora fuq ir-raba eccezzjoni tieghu w d-difiza ta' Anthony Pandolfino arginat l-argument taghha in sostenn ghat-tieni eccezzjoni tieghu ghall-applikazzjoni tal-art. 74 tal-Kap. 164 et seq. u fin-nota ta' sottomissjonijiet ghamlet ukoll riferenza ghall-artikoli 76 (a) , 78 (1) u 80 tal-Kap.164. Illi pero' wara l-intervent tal-abbli prosekutur, l-istess Dr. Giglio rrikonoxxa li l-artikolu rilevanti ghall-kaz kien l-art. 90.

Issa l-artikolu 90 (1) tal-Kap.164 jiddisponi li minuri vittma ta' delitt kontra l-paci w l-unur tal-familji w kontra l-morali w kull xhud iehor li fil-fehma tal-Qorti jkun jehtieg trattament jew harsien specjali, jistghu jigu permessi li jaghtu x-xiehda taghhom *viva voce* waqt il-process permezz ta' trasmissjoni televiziva kontemporanja. Is-subartikolu (2) umbaghad jghid li l-Ministru responsabbli mill-Pulizija, bi ftehim mall-Ministru responsabbli ghall-Gustizzja ***jista***' jaghmel regolamenti biex jistipula kull ma jkun mehtieg li jigi preskritt ghat-twaqqif ta' trasmissjoni televiziva kontemporanja waqt process u biex jistipula dawk ir-regoli ta' procedura u dwar provi bhal ma jistghu jkunu mehtiega ghal dak l-iskop kif ukoll sabiex tigi zgurata protezzjoni akbar ta' sikurezza personali, sens ta' modestja u stabilita' psikologika ta' dawk ix-xhieda li jistghu minnhabba cirkostanzi specjali jkunu jehtiegu dak il-harsien.

Illi minn dan jidher li kif issottomettiet il-Prosekuzzjoni l-procedura segwita kienet koperta bl-artikolu 90 fuq imsemmi u mhux bl-artikolu 75 kif ghall-ewwel ippostulat id-difiza w bl-artikoli l-ohra citati fin-Nota ta' sottomissjonijiet tal-akkuzat Anthony Pandolfino. Illi huwa minnu li ma jirrizultawx li s' issa saru xi regolamenti kif jistghu jsiru taht is-subartikolu (2), pero' dan il-fatt bla

ebda mod ma josta ghall-applikazzjoni mmedjata tad-dispozizzjoni kontemplata fis-subartikolu (1) sakemm jitharsu r-regoli generali kollha procedurali l-ohra applikabbli ghall-process penali. Illi, ghalkemm forsi huwa rakkomandabbli li jsiru regolamenti precizi biex jirregolaw din il-procedura l-gdida hekk delikata u b' hekk forsi jigu eliminati l-hafna incidenti bhal dawk li nqalghu fil-kors tal-kumpilazzjoni f' din il-kawza, kif jidher mill-uzu tal-kelma **"jista'"** adoperata fis-subartikolu (2) , dan il-poter tal-Ministru li jaghmel regolamenti hu fakoltattiv u mhux mandatorju w l-fatt li dawn ghadhom ma sarux ma jinvalida bl-ebda mod a prioristikament u necessarjament dak li sar fl-istruttorja f' dan il-kaz.

Ikkonsidrat ;

Illi d-difiza ta' Dennis Pandolfino , kif fuq intqal, apparti li kienet assocjat ruha mad-difiza tal-ko-akkuzat dwar l-eccezzjoni ta' indoli legali appena hawn fuq trattata, kienet ukoll attirat l-attenzjoni ta' din il-Qorti ghall-verbali li kienu saru mid-difiza fil-kors tal-kumpilazzjoni dwar l-istess proceduri tal-*video conferencing* u zammet ferma r-raba eccezzjoni ta' Dennis Pandolfino anki ghal din ir-raguni.

Illi din il-Qorti rat it-tape recordings tax-xhieda ta' Andreas u Rolando Skotadis w t-traskrizzjoni tal-istess xhieda w osservat il-mod prudenti kif imxiet il-Qorti Istruttorja fl-ezami ta' dawn iz-zewg xhieda biex, fil-waqt li kemm hu possibbli tipprotegi lill-minuri minn trawma psikologiku, fl-istess waqt tassikura li d-drittijiet tal-akkuzati ma jigux mittiefsa w ma sabet xejn x' ticcensura fl-agir tal-Qorti Istruttorja fil-kompiment tal-bicca xoghol delikata li kellha f' dan il-kaz, bhal del resto f' kull kaz iehor fejn ikun hemm akkuzi simili. Hafna mill-oggezzjonijiet tad-difiza kienu diretti ghall-fatt li tul l-ezami taz-zewg minuri kienet prezenti magemb il-minuri social worker . Din pero' bl-ebda mod ma intervjeniet fl-ezami w jidher li kienet qeghda hemm biex tati support morali lil minuri w xejn aktar. Din il-Qorti ma osservat ebda influwenza inproprja fuq il-minuri minn xi social workers li kienu prezenti fis-sigrieta tal-Magistrat waqt l-ezamijiet li saru. Ma saru ebda domandi suggestivi w l-minuri f' dak li qalu ma jidhirx

“prima facie” li kienu qed jigu mgieghela biex jghiduh minn xi hadd waqt ix-xhieda tieghu. Jinghid biss *“prima facie*” f’ dan l-istadju ghaliex naturalment l-apprezzament tax-xhieda tal-minuri jispetta lil din il-Qorti fi stadju ulterjuri tal-process.

Meta d-difiza oggezzjonat ghall-prezenza tas-social worker Grech Bonnici fil-kuridur tas-sigrieta anki barra bieb maghluq, il-Qorti kienet ordnatilha li tallontana ruha minn hemm. Il-Magistrat, meta saru domandi mid-difiza jew il-prosekuzzjoni, jidher li rrepetiethom fedelment lix-xhieda u fejn ingibditilha l-attenzjoni taghha li ma kienetx preciza, rrepetiet id-domanda kif xtaq li ssir minn kien qed jaghmilha. Din il-Qorti lanqas ma tara li gew lezi d-drittijiet tal-akkuzati ghax id-difensuri taghhom thallew barra fl-Awla fejn l-akkuzati, fejn del resto thalla ukoll l-ufficjal prosekutur. Dan hu proprju wiehed mill-iskopi ewlenin tal-*video conferencing* u cioe’ biex il-minuri ma jkunx “overwhelmed” mill-prezenza tal-avukati jew prosekuturi w jkun hemm certu “cushioning” mill-Qorti li tkun qed tikkonduci l-ezami tax-xhud f’ ambjent appartat mill-awla. Illi kif jidher mir-registrazzjoni audio viziva ta’ dak li gara waqt il-“break” fix-xiehda ta’ Rolando Skodatis, gos-sigrieta tal-Magistrat, ma jidher bl-ebda mod li z-zewg social workers Mazzitelli w Grech Bonnnici kienu b’ xi mod tkellmu max-xhud dwar il-kaz. Anzi il-minuri deher jilghab u jiccajta mat-tekniku ghal hafna mill-hin u aktar tard jitkellem ta’ tifel li hu maz-zewg social workers, imma mhux fuq il-kaz.

Dan kien wiehed mill-ewwel - jekk mhux addirittura l-ewwel - kazi fejn il-Qorti Istruttorja ghamlet uzu mis-sistema ta’ *video conferencing* introdotta recentement bl-emendi tal-2002. Ma setax jonqos li jinholqu kemm problemi ta’ natura teknika kif ukoll diffikultajiet u intoppi ta’ natura procedurali meta sistema gdida bhal din tkun qed tigi kollawdata. Pero’ fil-fehma tal-Qorti dak li sar kien kopert ghal dak li jirrigwarda l-legalita’ tieghu bl-artikolu 90 (1) tal-Kap.164 u ma sar xejn fl-ezami taz-zewg xhieda b’ din is-sistema li biha setghu jigu pregudikati d-drittijiet taz-zewg akkuzati ghal smiegh xieraq skond ir-regoli procedurali stabiliti ghall-process penali.

Konsegwentement din l-eccezzjoni taz-zewg akkuzati, anki kif ri-kalibrata fil-kaz ta' Anthony Pandolfino, qed jigu respinti.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed :-

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel eccezzjoni tal-akkuzat Dennis Pandolfino ghax din giet irtirata kif redatta u ma tistax tigi estiza ghall-eccezzjoni dwar it-talba ghall-applikazzjoni tal-artikolu 533.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni eccezzjoni tal-akkuzat Dennis Pandolfino ghax din giet irtirata, in vista tal-korrezzjoni ottenuta mill-Prosekuzzjoni.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet eccezzjoni tal-akkuzat Dennis Pandolfino ghax din giet irtirata kif redatta u ma tistax tigi estiza ghall-eccezzjoni dwar it-talba ghall-applikazzjoni tal-artikolu 533.

Ma tilqax ir-raba eccezzjoni tal-akkuzat Dennis Pandolfino.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel eccezzjoni tal-akkuzat Anthony Pandolfino ghax din giet irtirata.

Ma tilqax it-tieni eccezzjoni tal-akkuzat Anthony Pandolfino.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet eccezzjoni tal-akkuzat Anthony Pandolfino ghax din giet irtirata kif redatta u ma tistax tigi estiza ghall-eccezzjoni dwar it-talba ghall-applikazzjoni tal-artikolu 533.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------